**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta′ Ġudikatura Kriminali**

**Seduta D.I.E.R.**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 22 ta′ Lulju 2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Antonia sive Antoinette Gafa detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 173361(M);**

**Paulette Gafa detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 503386(M); u**

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Antonia sive Antoinette Gafa, Paulette Gafa u Omissis u ċioè talli:

Fil-kwalità tagħhom bħala diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rappreżentanti ġuridiċi u/jew uffiċjali tas-soċjetà kummerċjali GAFA SAVEWAY LTD (C 15908), b'indirizz reġistrat 39, Triq Ġuljetta Lopez, Santa Luċija, Malta u/jew bħala l-persuni li kienu inkarigati mill-istess soċjetà kummerċjali sabiex iħallsu l-pagi dovuti, naqsu , in vista tal-bidla fil-forniment ta' servizz bejn Clentec Ltd bħala in kien ittrasferixxa u Gafa Saveay Ltd bħala min irċieva t-trasferiment fl-1 ta' Lulju 2013 fi ħdan l-Università ta' Malta, u assumew

id-drittijiet, is-setgħat, l-obbligi u r-responsabilitajiet kollha ta' min ittrasferixxa, u li joħoru minn jew huma konnessi ma' xi kuntratt tal-impjieg u li, skont il-liġi, jiġu trasferiti lil min jirċievi t-trasferimenti mat-tlestija tal-imsemmi trasferiment. Fir-rigward ta' dan naqsu li jħallsu l-weekly allowance dovut għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' April 2013 u t-30 ta' Ġunju 2013 lill-impjegati tagħhom u ċjoe lil Nelson Josè De Vella Seixas, Tony Cutajar Farrugia, Josef Zammit u Andrew Camilleri bl-ammont dovut ta' €60.57 kull wieħed li b'kollox jammontaw għal €242.80 kif ukoll naqsu milli josservaw ir-Regolament 8 tal-Avviż Legali 247 tal-2003, hekk kif emendat mill-Avviż Legali 427 tal-2007 u ċjoè d-dritt tal-impjegati hawn fuq indikat, għal bilanċ tal-leave annuali bi ħlas dovut għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar u 30 ta' Ġunju hekk kif titlob il-liġi. L-ammont dovut ta' leave annwali bi ħlas huwa ta' 96 siegħa ekwivalwnti għal €388.80 lil Nelson Josè De Vella Seixas, 64 siegħa ekwivalenti għal €259.20 lil Tony Cutajar Farrugia, 80 siegħa ekwivalenti għal €324 lil Josef Zammit u 56 siegħa ekwivalenti għal €226.80 lil Andrew Camilleri, b'total globali ta' 352 siegħa ekwivalenti għal €1198.80.

In vista tas-suespost, huma ukoll naqsu milli josservaw ir-Regolament 3A tal-Avviż Legali 433 tal-2002 hekk kif emendat bl-Avviż Legali 427 tal-2007, 195 tal-Liġijiet ta' Malta, fir-rigward ta' 4 impjegati li ġew trasferiti ma' Gafa Saveway Ltd u ċjoè Nelson Josè De Vella Seixas, Tony Cutajar Farrugia, Josef Zammit u Andrew Camilleri.

Semgħet ix-xhieda

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi jigi rilevat fl-ewwel lok li dawn huma kawzi ta' natura sommarja izda dawn il-proceduri jafu il-bidu taghhom quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fit-3 ta' Gunju 2014, bl-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti kif preseduta, issir nhar l-4 ta' Mejju, 2016.

Illi fis-seduta tallum kien hemm qbil bejn il-partijiet li, in vista li Dominic Gafa jinsab indispost, ir-rapprezentanza tas-socjeta` imputata ser issir mill-ko-imputati l-ohra u cioe' Antonia sive Antoinette Gafa u Paulette Gafa u li ghalhekk il-kawza ghandha titmexxa unikament fil-konfront ta' dawn tal-ahhar in rapprezentanza tas-socjeta` imputata.

Illi dan il-process hu senjalat minn mankanza totali ta' provi li jissostanzjaw l-akkuza dedotta sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma ghandha ebda triq ohra ghajr li tillibera lill-imputati mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom

**Dr Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur.(Int. Law)**

**Magistrat**